

# Mro. Philip Gatt F.L.C.M., A.R.C.M. (1927-1995)

**Charles Cremona**

Is-Surmast Philip Gatt twieled Ħaż-Żebbuġ fit-12 ta' Settembru 1927, iben Adeodato u martu Camilla xebba Xerri.

Adeodato Gatt, missieru, kien wieħed mis-surmastrijiet ewlenin fil-gżejjer Maltin. Il-mużika kienet tbaqbaq f'demmu u Philip ma setax ma jkomplix fuq il-passi ta' missieru. Beda l-istudji mużikali taħt id-direzzjoni ta' missieru Adeodato u meta ġie biex jagħżel l-istrument, għażel is-*saxaphone*. Philip kompla bl-istudji tiegħu għand is-surmast Carmelo Pace fejn akkwista d-diplomi A. Mus. L.C.M., L. Mus. L.C.M. u F.L.C.M.. Din tal-aħħar mil-*London College of Music*.

Philip, membru ingaġġat fir-*R.A.F.*, ħalla Malta biex kompla l-istudji mużikali tiegħu fl-Ingilterra. Studja fir-*Royal Air Force School of Music* f'Uxbridge, taħt id-direzzjoni tal-magħruf u msemmi l-Professur Norman Richardson. Hawn Philip ikkwalifika bl-unuri kollha għad-diploma A.R.C.M. *(Band Mastership)* unur li għamlu l-ewwel Malti bil-kwalifika ta' Band Master bid-diplomi F.L.C.M., A.R.C.M.

Lura Malta, Mro. Philip Gatt kompla bil-karriera tiegħu bħala *Band Master* mar-*Royal Air Force*, karriera twila li firxet fuq 22 sena (1953-1975).

Mal-baned Maltin, Philip Gatt beda l-karriera tiegħu ta' direttur mużikali bħala assistent ta' missieru Adeodato mal-Banda San Filep. Ħa l-bakketta tal-istess banda fis-sena 1962 mar-riżenja ta' missieru.

Baned oħra li gawdew mid-direzzjoni mpekkabbli tiegħu kienu l-baned Melita (Msida), L'Isle Adam (Rabat) u l-Banda San Ġużepp (Ħamrun).

Mro. Philip Gatt ikkompona numru kbir ta' innijiet, intermezzi sinfoniċi, *suites*, kantati u marċi brijużi. Fost dawn tal-aħħar ta' min isemmi l-marċ *A small big step* li kitbu b'dedikazzjoni lill-ewwel astronawti Amerikani li kienu niżlu għall-ewwel darba fuq il-qamar. Għal dan il-ġest, l-ex-President tal-Amerika Richard Nixon kien kitiblu personalment u rringrazzjah għal din il-biċċa xogħol, ġest li rrepetieh l-astronawta Neil Armstrong. L-oriġinal tal-marċ jinsab esebit fin-NASA, Houston, Texas.



*Mro. Philip Gatt*

Mro. Philip Gatt ta dehra oħra lill-banda tagħna. Darba ingħata d-direzzjoni tagħna lejn l-aħħar tas-Sebgħinijiet.

Kienu bosta l-okkażjonijiet fejn il-Banda San Ġużepp ibbrillat.

Kburin insemmu l-programm vokali u strumentali tas-sena 1979, bħala parti miċ-ċelebrazzjonijiet miżmuma għeluq id-90 sena mit-twaqqif tas-Soċjetà tagħna.

L-aħħar kompożizzjoni tas-surmast Philip Gatt kienet proprju għas-soċjetà tagħna, il-marċ *Invincible.*